

# GIOVANNI GATT 1914-1994

*Kitba ta' ibnu George Gatt*

Giovanni Gatt twieled f'Hal Qormi nhar l-1 ta' Marzu 1914 minn Giorgio u Concetta imwielda Stivala. Huwa kien iż-żgħir fost tliet aħwa li kienu Ġużeppi u Karmena. Il-familja Gatt, tal-Haddied, sa minn snin twal kienu attivi fi ħdan is-Soċjeta Filarmonika Pinto. L-ewwel, fl-aħħar tas-seklu dsatax, kien hemm Ġiljan, in-nannu ta' Giovanni, li ukoll għamel xi żmien fil-kumitat. Mill-1906 ibnu Giorgio, okkupa l-kariga ta' kaxxier għal-38 sena sħaħ sa mewtu fl-1944. Imbagħad insibu lil ibnu Ġużeppi li kien assistent kaxxier u wara l-mewt ta' Giorgio żamm il-kariga ta' kaxxier għal xi erba' snin. Sadanittant Giovanni nħatar membru fil-kumitat bħala delegat tal-banda (1950–1984) f'liema kariga kien responsabbli mill-qlugħ tal-bandisti għas-servizzi tal-banda. Mill-1978 sal-lum fil-kumitat insibu lil George, iben Giovann, li okkupa l-karigi ta' segretarju u fil-preżent assistent segretarju. Bejn 1992 u l-1996 fil-kumitat kien hawn ukoll Jason Gatt iben George. Fil-preżent fil-kumitat sa mill-1994 hemm ukoll Vince, iben Giovann, u jokkupa l-kariga ta' assistent kaxxier. Hekk il-familja Gatt kellha ħames ġenerazzjonijiet li kienu attivi fil-kumitat tas-Soċjeta Filarmonika Pinto.

Ta' eta` żgħira, Giovanni tgħallem il-mużika taħt is-surmast Carmelo Scicluna, ta' Randa. Hu ħareġ idoqq il-kwartin nhar il-Ġimgħa l-Kbira ta' l-1928. Wara xi snin qaleb għal klarinett. Dam idoqq regulari sal-1970. Matul dawn it-42 sena daqq f'kull servizz tal-banda bħalma kienu fil-festa titulari, fil-Ġimgħa l-Kbira, fil-festi ta' diversi irħula, fiż-żjara tar-Reġina Eliżabetta u kull darba li l-banda daqqet fil-karnival. Giovann waqaf idoqq f'Ġunju 1970 minħabba attakk ta' puplesija ħafifa. Il-kumitat ħatru bandist onorarju u fl-1984 ħatru membru tal-kumitat onorarju sa ma miet fl-1994.

Ftit taż-żmien qabel il-gwerra għall-ħabta ta' l-aħħar tas-snin tletin daħal jaħdem it-Tarzna flok missieru. Xhur wara li daħal it-tarzna, Giovann iżżewweġ lil Ermelinda Bugeja, magħrufa bħala Dinda, li missierha Vincenzo Bugeja kien ukoll snin qabel idoqq il-klarinett mal-banda tal-Qalba. Iż-żwieġ seħħ nhar it-30 ta' Settembru 1939 u r-riċeviment kellu jsir fil-post numru 19 Triq San Ġużepp. Iżda meta l-kumitat irċieva l-invit b'deċiżjoni tal-kumitat l-kaxxier ġie offrut lilu s-sede tal-każin biex hemm isir dan ir-riċeviment. Ta' min jgħid li ħadd iżjed ma żżewweġ fis-sala tal-każin. Minn dan iż-żwieġ twieldu George u Vince li kif rajna huma t-tnejn membri fil-Kumitat tas-Soċjeta Filarmonika Pinto.

Giovann kien iżomm djarju li llum jinsab għand ibnu George. F'dan id-djarju hu jsemmi diversi avvenimenti personali u familjari. Fih niżżel ukoll tagħrif dwar ġrajjiet li kienu jseħħu f'Hal Qormi u f'Malta. Naturalment spiss isemmi minn x'hiex għaddiet is-Soċjeta tagħna. Fost l-aktar żminijiet diffiċli li għaddiet minnhom is-Soċjeta hu jgħid li kienu l-aħħar tas-snin ħamsin tas-seklu għoxrin meta tqajmu l-problemi ta' Triq Anici dwar il-


Is-Sur Vincenzo Bugeja u's-Sinjura
ghandhom il pjacir li jistiednu

Is-Sur Giorgio Gatt u's-Sinjura
ghandhom il pjacir li jistiednu

ghat-tieg tat-tifel tahhom

ERMELINDA
Mas-Sur
GIOVANNI GATT

GIOVANNI
Mas-Sinjorina
ERMELINDA BUGEJA

Li sejjer isir fil Parroccia ta San Giorg, C. Curmi, is-Sibt fil-30 ta Settembru, 1939, fil-5 p.m.
u wara fi Strada San Giuseppe, No. 19, C. Curmi.

No. 68, Sda. S. Pietro, C. Curmi.

No. 38, Cardinal Sciberras St., C. Curmi.

limiti tal-parroċċa u eżatt wara l-Kwistjoni tal-Patrijiet dwar it-talba li kienet saret sabiex il-Parroċċa ta' San Sebastjan titmexxa mill-patrijiet. F'dal każ jgħid b'ċertu dettal dwar il-pussess tal-Kappillan Cauchi fl-10 ta' Novembru 1957 u l-inkwiet li nqala' dak in-nhar, flimkien mal-proċeduri legali li ttieħdu kontra diversi partitarji fil-bidu ta' l-1958 fejn saħansitra erba' persuni nagħataw sentenza ta' 32 jum il-ħabs. Ħdax-il persuna oħra weħlu l-Artiklu 23 (illum probation), waqt li tmien persuni, fosthom Giovann, ġew liberati. F'dan iż-żmien Giovann kien inkwetat ħafna għax b'sentenza kontrieh kien jitlef xogħolu fit-tarzna.

Barra minn dawn Giovann kien iżomm diversi listi marbuta mal-Każin Pinto. Hekk rajna lista tal-membri tal-Kumitat meta fl-1933 is-Soċjeta akkwistat b'ċens is-sede preżenti. Għandu ukoll registru ta' partituri mużikali li turi ukoll min għamel l-arranġament għall-banda. Reġistru ieħor juri t-tqassim ta' uniformi u strumenti lill-bandisti. Hemm ukoll registri ta' attendenzi tal-bandisti fis-snin 1949 sa 1955. Interessanti hija lista ta' bandisti fl-1919 magħmula mis-surmast Carmelo Scicluna. Imma b'mod partikolari huma interessanti żewġ listi ta' bandisti tal-post li daqqew mal-Banda Pinto bejn l-1905 u 1975. Dawn l-aħħar żewġ listi qed nippubblikawhom kif kitibhom Giovann bl-ismijiet u l-laqmijiet u l-istrumenti li kienu jdoqqu. Ta' min jgħid li x'uħud minn dan il-amterjal kien għamlu missier Giovann fil-kariga tiegħu ta' kaxxier, waqt li hemm xi reġistri li kien iżomm Giovann stess fil-kariga tiegħu ta' delegat tal-banda. Hemm ukoll xi materjal li Giovann kien ġabar mill-każin peress li fil-ħamsinijiet kien hemm min kien qed jarmi dokumenti antiki.



Fl-1 ta' Marzu 1991 delegazzjoni tal-Kumitat Pinto mmexxija mill-President Sebastian Debono żaret lil Giovann f'daru f'għeluq is-77 sena tiegħu. Dak in-nhar għadda lis-Soċjeta l-partitura ta' l-Innu l-Kbir. Din il-partitura kienet ilha miżmuma għandu madwar 40 sena fuq deċiżżjoni tal-kumitat ta' dak iż-żmien sabiex jekk jiġri xi ħaġa, bħal nar jew serq, is-Soċjeta jkollha kopja oħra ta' dan l-għażiż innu.

Nhar it-28 ta' Jannar 1992 Giovann kellu jiddaħħal l-isptar San Vincens de Paule minħabba li l-marda tal-Parkinson kienet daħlet ġmielha u bil-mod il-mod saħħtu kienet qed tnin. Giovann miet nhar id-29 ta' Settembru 1994, u l-funeral sar l-għada, li kien il-55 anniversarju taż-żwieġ tiegħu. Fil-funeral kien akkumpanjat saċ-ċimiterju tar-raħal mill-Banda tas-Soċjeta Filarmonika Pinto li hu tant ħabb.